**PARROĊĊA SANT'ANNA WIED IL-GĦAJN**
**AVVIŻI 26 TA' MEJJU 2019**

**Adorazzjoni tal-Ħniena Divina**
It-Tnejn 27 ta' Mejju 2019 wara l-quddiesa tas-6:30pm jkollna l-Adorazzjoni tal-Ħniena Divina.

**Laqgħa għall-persuni b'diżabilità u l-carers tagħhom**
It-Tnejn 27 ta' Mejju 2019 fis-6:00pm, se tiġi organizzata laqgħa għall-persuni b'diżabilità u l-*carers* tagħhom fiċ-Ċentru Edukattiv tal-Kunsill Lokali Triq il-Kappara.

**Grupp Anzjani tal-Ispiritwalità**
It-Tlieta 28 ta' Mejju 2019 il-Grupp Anzjani tal-Ispiritwalità ser janimaw il-quddiesa tas-6:30pm li fiha ser iġeddu l-konsagrazzjoni tal-grupp lill-Qalb ta' Marija.

**Kummissjoni Liturġija**
Il-Ħamis 30 ta' Mejju 2019 fil-5.00pm tiltaqa' l-Kummissjoni Liturġija fl-Uffiċċju Parrokkjali.

**Novena tal-Ispirtu s-Santu**
Il-Ġimgħa 31 ta' Mejju 2019 nagħtu bidu għan-novena tal-Ispirtu s-Santu. Wara l-quddiesa tas-7:00am u l-Ħadd wara l-quddiesa tas-6:30am ikollna mument ta' talb quddiem Ġesù Ewkaristija.

**Festa taż-Żjara tal-Verġni Marija lil Eliżabetta**
Il-Ġimgħa 31 ta' Mejju 2019 hija l-festa taż-żjara tal-Verġni Marija lil Eliżabetta. Fis-6:00pm ninġabru madwar Ġesù Ewkaristija u nitolbu flimkien it-talba tar-Rużarju u wara niċċelebraw il-quddiesa tas-6:30pm f'għeluq ix-xahar ta' Mejju li jfakkarna fl-Omm għażiża tagħna Marija.

**Festa Familja fuq is-Simenta**
Is-Sibt 29 ta' Ġunju 2019, huwa xahar qabel il-festa ta' Sant'Anna, għalhekk ser norganizzaw Festa Familja bl-ikel fuq is-Simenta. Dakinhar ser nixegħlu partijiet li fadal mill-Knisja Parrokkjali bil-bozoz *LEDs* flimkien ma' armar ġdid li ser jiżżanżan fil-festa ta' Sant'Anna din is-sena. Nibdew fis-7:30pm u ser ikun hemm ukoll varjetà ta' għanjiet mill-*band* tal-Parroċċa. Inħeġġiġkom sabiex tattendu u biljetti mill-Uffiċċju Parrokkjali jew mis-Sagristija.

**Summer Club**
Il-Parroċċa tagħna matul dan is-sajf qed torganizza Summer Club għal adolexxenti u żgħażagħ bejn it-12 u 17-il sena (li twieldu bejn 2002 u 2007) fil-Youth Centre tal-Villa Apap Bologna, nhar ta' Tnejn, Tlieta u Ħamis, għax-xahar ta' Lulju. Fost l-attivitajiet ser ikun hemm crafts, volontarjat, żfin u drama, water games u ħruġ. Għall-applikazzjonijiet u għal aktar informazzjoni idħlu fis-sagristija jew kellmu lil-leaders tal-gruppi taż-żgħażagħ tagħna.

**Bazaar**
Fis-Sala San Ġwakkin qed jitella' l-Bazaar tal-Parroċċa. Inħeġġiġkom sabiex tagħtu titwila.

**Fuljett 'Flimkien'**

Wasal il-fuljett *Flimkien* għax-xahar ta’ Ġunju 2019. Nitolbu lid-distributuri biex jiġbru l-kopji tagħhom mis-sagristija, waqt li nirringrazzjawhom tas-servizz li qed jagħtuna.